



## Il-protezzjoni personali tad-dejta u l-bażi tad-dejta ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġunijiet għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, il-mod kif tinġabar, tiġi trattata u l-mod kif il-protezzjoni tad-data personali kollha tiegħek tiġi żgurata. L-awtorità doganali kompetenti ta' Stat Membru hija/huma l-kontrollur(i) tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Għal dan il-għan il-kontrollur(i) jipproċessa(w) id-data personali li hemm f'din it-talba għal estensjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

Il-Kummissjoni Ewropea taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u tipproċessa data personali inkluża f'din it-talba għal estensjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tat-talba għal estensjoni huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) mill-awtoritajiet doganali fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tal-IPR hija l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013. L-attività ta' pproċessar tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-Istati Membri u skont il-mandat tagħhom, tikkonsisti fil-ħażna u ż-żamma tad-data personali relatata mat-talbiet għal estensjoni u l-hemżiet tagħha fil-bażi tad-data ċentrali COPIS. Dan jinkludi ż-żamma ta' arranġamenti tekniċi u organizzazzjonali xierqa għall-operazzjoni affidabbli u sigura tal-bażi tad-data COPIS. Miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju tat-telf tad-data, l-alterazzjoni tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju maħluq mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata. L-aċċess għad-data personali jingħata fuq bażi ta' hteġġa ta' tagħrif u permezz ta' kontijiet personali lil persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea. Il-punt ta' kuntatt fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea għal mistoqsijiet dwar l-attività ta' pproċessar fil-COPIS huwa d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali: TAXUD-DP-COPIS@ec.europa.eu.

Għal analiżi aktar fil-fond tad-data tal-ksur u biex l-ambitu ġeografiku u l-impatt tal-ksur tal-IPR jinftiehmu aħjar, il-Kummissjoni fi ħdan il-mandat mogħti lilha mill-Istati Membri, flimkien mad-data tal-ksur se tibgħat isem id-detentur rispettiv tad-deċiżjoni li abbażi tagħha jkunu aġixxew id-Dwana, lill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Ir-referenza tar-reġistru tal-operazzjoni tal-ipproċessar tal-EUIPO hija DPR-2019-051 ([https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document\\_library/contentPdfs/data\\_protection/rpt\\_register\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/data_protection/rpt_register_en.pdf)).

It-tweġibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'\* huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, it-talba għal estensjoni għandha tiġi miċħuda.

L-awtoritajiet doganali jridu jħassru d-data mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun għet revokata jew mid-data ta' meta l-perjodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Il-perjodu li matulu l-awtoritajiet doganali jridu jieħdu azzjoni għandu jkun speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' t-talba għal estensjoni u ma għandux jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' t-talba għal estensjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet doganali jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' oġġetti skont l-applikazzjoni, dawn iridu jħassru d-data personali mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-proċedimenti jkunu ġew konklużi b'mod finali.

F'każ ta' vjolazzjoni tad-data personali, l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'konformità mad-doveri tagħhom li huma stipulati fil-GDPR. Meta huwa probabbli li l-vjolazzjoni tad-data personali tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tiegħek l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih ħalli inti tkun tista' tiefu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Għandek id-dritt taċċessa u tikkoreġi d-data personali tiegħek f'kull ħin speċjalment jekk id-data mhijjex preċiża jew mhijjex kompluta. Għandek id-dritt li (fejn applikabbli) titlob għal restrizzjoni tal-ipproċessar jew tat-tħassir ("id-dritt li tkun minsi(ja)"), li toġġezzjona għall-ipproċessar, li tirtira l-kunsens tiegħek, u li ma tkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. It-talbiet kollha għandhom jiġu ppreżentati u pproċessati mid-dipartiment doganali kompetenti fejn tkun għet ippreżentata t-talba għal estensjoni.

Għal-lista tad-dipartimenti doganali kompetenti fl-Istati Membri ara

[https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs\\_controls/counterfeit\\_piracy/right\\_holders/defend-your-rights\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/defend-your-rights_en.pdf)

Jekk tħoss li d-drittijietek ġew miksura b'xi mod, għandek id-dritt li tilmenta mal-awtorità superviżorja nazzjonali inkarigata mill-protezzjoni tad-data (informazzjoni ta' kuntatt hawnhekk: [https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members\\_mt](https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt)) billi ssegwi l-proċedura nazzjonali applikabbli. Jekk għandek kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib ieħor dwar il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) fl-Organizzazzjoni Doganali tal-Istat Membru. Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.



## Il-protezzjoni personali tad-dejta u l-bażi tad-dejta ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġunijiet għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, il-mod kif tinġabar, tiġi trattata u l-mod kif il-protezzjoni tad-data personali kollha tiegħek tiġi żgurata. L-awtorità doganali kompetenti ta' Stat Membru hija/huma l-kontrollur(i) tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Għal dan il-għan il-kontrollur(i) jipproċessa(w) id-data personali li hemm f'din it-talba għal estensjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

Il-Kummissjoni Ewropea taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u tipproċessa data personali inkluża f'din it-talba għal estensjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tat-talba għal estensjoni huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) mill-awtoritajiet doganali fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tal-IPR hija l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013. L-attività ta' pproċessar tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-Istati Membri u skont il-mandat tagħhom, tikkonsisti fil-ħażna u ż-żamma tad-data personali relatata mat-talbiet għal estensjoni u l-hemżiet tagħha fil-bażi tad-data ċentrali COPIS. Dan jinkludi ż-żamma ta' arranġamenti tekniċi u organizzazzjonali xierqa għall-operazzjoni affidabbli u sigura tal-bażi tad-data COPIS. Miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju tat-telf tad-data, l-alterazzjoni tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju maħluq mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata. L-aċċess għad-data personali jingħata fuq bażi ta' hteġa ta' tagħrif u permezz ta' kontijiet personali lil persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea. Il-punt ta' kuntatt fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea għal mistoqsijiet dwar l-attività ta' pproċessar fil-COPIS huwa d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali: TAXUD-DP-COPIS@ec.europa.eu.

Għal analiżi aktar fil-fond tad-data tal-ksur u biex l-ambitu ġeografiku u l-impatt tal-ksur tal-IPR jinftiehmu aħjar, il-Kummissjoni fi ħdan il-mandat mogħti lilha mill-Istati Membri, flimkien mad-data tal-ksur se tibgħat isem id-detentur rispettiv tad-deċiżjoni li abbażi tagħha jkunu aġixxew id-Dwana, lill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Ir-referenza tar-reġistru tal-operazzjoni tal-ipproċessar tal-EUIPO hija DPR-2019-051 ([https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document\\_library/contentPdfs/data\\_protection/rpt\\_register\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/data_protection/rpt_register_en.pdf)).

It-tweġibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'\* huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, it-talba għal estensjoni għandha tiġi miċħuda.

L-awtoritajiet doganali jridu jħassru d-data mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun għet revokata jew mid-data ta' meta l-perjodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Il-perjodu li matulu l-awtoritajiet doganali jridu jieħdu azzjoni għandu jkun speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' t-talba għal estensjoni u ma għandux jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' t-talba għal estensjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet doganali jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' oġġetti skont l-applikazzjoni, dawn iridu jħassru d-data personali mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-proċedimenti jkunu ġew konklużi b'mod finali.

F'każ ta' vjolazzjoni tad-data personali, l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'konformità mad-doveri tagħhom li huma stipulati fil-GDPR. Meta huwa probabbli li l-vjolazzjoni tad-data personali tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tiegħek l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih ħalli inti tkun tista' tiefu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Għandek id-dritt taċċessa u tikkoreġi d-data personali tiegħek f'kull ħin speċjalment jekk id-data mhijjex preċiża jew mhijjex kompluta. Għandek id-dritt li (fejn applikabbli) titlob għal restrizzjoni tal-ipproċessar jew tat-tħassir ("id-dritt li tkun minsi(ja)"), li toġġezzjona għall-ipproċessar, li tirtira l-kunsens tiegħek, u li ma tkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. It-talbiet kollha għandhom jiġu ppreżentati u pproċessati mid-dipartiment doganali kompetenti fejn tkun għet ippreżentata t-talba għal estensjoni.

Għal-lista tad-dipartimenti doganali kompetenti fl-Istati Membri ara

[https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs\\_controls/counterfeit\\_piracy/right\\_holders/defend-your-rights\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/defend-your-rights_en.pdf)

Jekk tħoss li d-drittijietek ġew miksura b'xi mod, għandek id-dritt li tilmenta mal-awtorità superviżorja nazzjonali inkarigata mill-protezzjoni tad-data (informazzjoni ta' kuntatt hawnhekk: [https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members\\_mt](https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt)) billi ssegwi l-proċedura nazzjonali applikabbli. Jekk għandek kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib ieħor dwar il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) fl-Organizzazzjoni Doganali tal-Istat Membru. Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.